# IL-PAĠNA TAL-LEĠJUN TA' MARIJA



# 'U l-Appostlu ħadha għandu' (Ġw 19, 27)

Kitba tas-Serv ta' Alla Frank Duff, il-fundatur tal-Leġjun ta' Marija, li deher fil-ħarġa tal-'Maria Legionis', (Nru. 2 tal-2011), il-perjodiku li joħroġ mill-Kwartieri Ġenerali tal-Leġjun ta' Marija f'Dublin, l-Irlanda, u miġjub għall-Malti minn Dun Geoffrey G. Attard.

Fil-Manwal tal-Leġjun ta' Marija, hemm enfasizzat li aħna ma nistgħux nagħżlu minn Ġesù Kristu dak li jogħġob lilna; jiġifieri ma nistgħux nilqgħu lil Kristu tal-glorja mingħajr ma, fl-istess waqt, nilqgħu għandna lil Kristu tat-tbatija u l-persekuzzjoni. Dan għaliex Kristu huwa wieħed u ma jistax ikun maqsum. Irridu nilqgħuh kif inhu. Jekk immorru għandu nfittxu l-paċi u l-ferħ, nistgħu nsibu ruħna qegħdin nissammru mas-Salib.

Fi Kristu, l-opposti huma mħallta u ma jistgħux ikunu mifruda; mingħajr tbatija ma hemmx palma, mingħajr xewka ma hemmx tron; mingħajr ħall, ma hemmx glorja, mingħajr salib ma hemmx kuruna. Infittxu waħda u nintebħu li magħha ksibna wkoll l-oħra.

L-istess japplika għall-Verġni Marija. Hi ma tistax tinqasam f'kompartamenti bħallikieku qegħda hemm biex taqdi l-pjaċiri tagħna. Ma nistgħux ningħaqdu magħha fil-ferħ tagħha mingħajr ma nsibu li qalbna hija minsusa mit-tbatijiet tagħha.

**Devozzjoni vera tfisser għaqda**

Jekk irridu, bħal Ġwanni l-appostlu, li lil Marija neħduha għandna, irridu neħduha kif inhi u kollha kemm hi. Jekk aħna lesti naċċettaw biss fażi waħda tal-esseri tagħha, ikun jaqblilna li lanqas nippruvaw inħaddnuha ma' ħajjitna.

Id-devozzjoni lejha jeħtieġ li tirriproduċi fina kull aspett tal-personalità u l-missjoni tagħha. Din id-devozzjoni m'għandhiex tiffoka fuq dak li mhuwiex importanti. Pereżempju, huwa importanti li nqisuha bħala eżempju għalina minħabba l-għadd ta' virtujiet li jispikkaw fiha. Imma jekk nieqfu hemm, id-devozzjoni tagħna lejha tkun waħda limitata.

Lanqas mhu biżżejjed li nitolbuha; mhux xieraq li nersqu lejha biss biex nifirħu għall-modi diversi li bihom ħadmet fiha t-Trinità Qaddisa meta Alla ħaddanha miegħu u għamel li fiha jkunu riflessi l-attributi tiegħu.

Dawn l-attributi ta' rispett jeħtieġ li jingħatawlha imma dawn huma biss partijiet minn realtà aktar sħiħa. Devozzjoni adegwata lejn Marija tinkiseb biss meta hemm għaqda sħiħa magħha. Għaqda tfisser komunjoni ta' ħajja magħha; u l-ħajja tagħha ma tikkonsistix, primarjament, fl-ammirazzjoni imma fil-komunikazzjoni tal-grazzja.



**Il-maternità – id-destin ta' Marija**

Il-ħajja u d-destin ta' Marija kollha jitfissru f'maternità: l-ewwel dik ta' Kristu, imbagħad dik tal-bnedmin. Għal dan hija kienet imħejjija u daħlet fl-eżistenza mis-Santissima Trinità, wara deliberazzjoni eterna, jirrimarka Santu Wistin. Fil-jum tat-Tħabbira, hija daħlet għall-missjoni tagħha u, minn dakinhar, ma waqfet qatt mill-ħidma tagħha ta' omm. Din il-ħidma tagħha fil-bidu kienet limitata biss għal Nażaret imma, imbagħad, din id-dar ċkejkna twessgħet għad-dinja kollha u Binha espandiha, għall-umanità kollha. Xejn ma jseħħ f'din il-familja wiesa' mingħajr il-kontribut tagħha.

Il-kura tal-Ġisem ta' Binha hija supplimentari għall-kura tagħha; l-appostlu Ġwanni jwessa' din il-missjoni materna u, f'dan is-sens, Marija tista' tgħid li hi: "Appostolat". L-istess kif darba qalet: "Jiena jien l-Immakulata Kunċizzjoni".

Din il-maternità tal-erwieħ hija l-funzjoni essenzjali tal-ħajja tagħha. Mingħajr parteċipazzjoni fiha, ma jistax ikun hemm għaqda magħha.

Għalhekk, jeħtieġ li jingħad darba għal dejjem: id-devozzjoni vera lejn Marija jeħtieġ li tħaddan is-servizz lejn l-erwieħ. Marija, mingħajr maternità, u n-Nisrani, mingħajr apostolat – dawn huma ideat analogi, jixxiebhu, bħal xulxin! Il-waħda u l-oħra jkunu irreali, foloz u mingħajr sustanza għall-intenzjoni divina.

**'Jiena jien l-Immakulata Kunċizzjoni'**

Għaldaqstant, il-Leġjun mhuwiex mibni, kif jaħsbu xi wħud, jiġifieri, fuq Marija u l-appostolat imma fuq il-prinċipji singoli ta' Marija, liema prinċipju, imbagħad, iħaddan l-appostolat u l-ħajja Nisranija kollha kemm hi.

Xewqat vojta jammontaw biss għal proċess vojt. Offerta sempliċiment verbali tas-servizzi tagħna lil Marija ma jwasslu imkien. Id-dmirijiet appostoliċi ma jinżlux mis-sema fuq dawk li jikkuntentaw lilhom infushom jistennew b'mod passiv biex tiġi xi ħaġa. Li wieħed joqgħod jistenna bla ma jagħmel xejn iwassal għal nuqqas ta' ħidma. L-uniku mod effettiv biex wieħed isir appostlu jikkonsisti f'li wieħed iħaddan tassew il-ħidma appostolika. Huwa meta nieħdu dan il-pass li Marija tħaddan magħha l-ħidma tagħna u tinkorporaha fil-maternitàtagħha.

Barra minn hekk, Marija ma tistax tgħaddi mingħajr l-għajnuna tagħna. Jew din hija esaġerazzjoni? Kif jista' jkun li, Verġni hekk qawwija, tiddependi fuq l-għajnuna ta' persuni hekk dgħajfa? Imma hekk hu. Huwa parti mill-pjan divin li Alla jirrikjedi l-koperazzjoni tagħna għaliex il-bniedem isalva permezz ta' bnedmin oħra.

It-teżor tal-grazzji ta' Marija huwa għalkollox abbundanti imma hi ma tistax tiddisponi minnu bis-sehem tagħha biss. Kieku kellha taġixxi waħidha, kieku d-dinja tikkonverti f'ħakka t'għajn. Imma hi tistenna s-sehem tal-bniedem. Imċaħħda minn dan is-sehem, hi ma twettaqx il-maternità tagħha u l-erwieħ jistagħnaw u jmutu. Hi għalhekk tilqa' lil kull min iqiegħed lilu nnifsu għad-dispożizzjoni tagħha. Għall-ħidma qaddisa hija tinqeda mhux biss bil-qaddisa u bil-qawwija imma wkoll bid-dgħajfa u ċ-ċkejkna.

Kulħadd huwa meħtieġ u ħadd mhu mwarrab. Imqar iċ-ċkejknin jistgħu jittrażmettu l-qawwa tagħha. Lil dawk li huma aktar qawwija, hija tista' tużahom bis-setgħa tagħha. Wieħed iżomm, għalhekk, f'moħħu kif ir-raġġi tax-xemx jgħaddu minn tieqa nadifa tazza imma jitħabtu biex jinfiltraw kemm-il darba tieqa tkun maħmuġa.